MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2023

Appell Inferjuri Numru 161/2022 LM

**Henry Hank Aquilina (K.I. nru. 295467(M))**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C 113)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Henry Hank Aquilina (K.I. nru. 295467(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fis-6 ta' Diċembru, 2022, fil-Kwistjoni tax-Xogħol nru. 3955/HW, Deċiżjoni nru. 2871, fil-konfront tas-soċjetà intimata **Simonds**

**Farsons Cisk p.l.c. (C 113)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'] fejn iddeċieda kif ġej:

> *"Għaldaqstant, meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ huwa tal-fehma u jiddeċiedi li kien jimmerita li jittieħdu passi dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrenti u t-terminazzjoni tal-impieg ma saritx bi ksur tal-liġi."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw l-allegata tkeċċija nġusta tal-appellant mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà appellata fit-22 ta' Frar, 2021 ma' min huwa kien impjegat *full-time* fuq kuntratt indefinit bħala *fork lift driver,* u sussegwentement bħala *warehouse operator.*

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellant istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fil-25 ta' Marzu, 2021 fejn talab l-imsemmi Tribunal sabiex:

> *"1) jiddikjara u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà intimata kienet waħda inġusta;*
>
> *2) jagħti l-provvedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward ai termini tal-artikolu 81 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta inkluż li r-rikorrent jerġa' jiġi reintegarat f'xogħolu u jitħallas kumpens ġust."*

4. Is-soċjetà appellata wieġbet fl-1 ta' April, 2019 fejn talbet lit-Tribunal sabiex jiddikjara li l-appellant tkeċċa mix-xogħol għal raġuni valida u suffiċjenti *ai termini* tal-liġi, u b'hekk l-ebda kumpens ma huwa dovut lilu.

## Id-deċiżjoni appellata

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

*"Matul l-eżami li għamel it-Tribunal Industrijali ġiet eżaminata l-proċedura u s-sistema tax-xogħol u minn dan ġie stabilit li il-*Warehouse Management System (WMS) *hija nstallata fil-VNA.*

*WMS tagħti struzzjonijiet lill operator tal-VNA f'liema* Isle *għandu jmur u liema paletta bix-xorb għandu jiġbor. Għaldaqstant, l-operator isuq il-VNA, jidħol fl-*Isle *li ndikatlu l-WMS, jiġbor il-paletta bil-kaxxex tax-xorb li tkun indikatlu l-WMS u ma hemmx għalfejn jidħol bil-VNA aktar 'il ġewwa fl-*Isle *u kif jiġbor il-paletta jirriversja lura l-VNA, joħroġ fil-kuridur u jpoġġi l-paletta bil-kaxxex tax-xorb fil-kuridur ma' ġenb id-dhul tal-*Isle *u l-paletta tibqa' hemm sakemm jiġi* operator *bl-*lifter *ieħor u jġorr il-paletta u jkollu struzzjonijiet fejn jeħoda.*

*It-Tribunal Industrijali f'dan l-eżami li għamel jinnota, li l-*Isle *għanda dħul wieħed biss mill-kuridur u li t-tarf l-ieħor tal-*Isle *huwa magħluq, għaldaqstant il-ħruġ jista' biss isir billi meta tidħol bil-VNA fl-*Isle, *biex toħroġ trid tirriversja l-VNA u toħroġ minn fejn dħalt bil-VNA mill-kuridur.*

*It-Tribunal Industrijali mill-filmati li eżamina jinnota, li r-rikorrenti saq il-VNA daħal ġol-Isle, fejn fil-bidu tal-Isle fuq naħa kien hemm il-paletti bil-kaxxex CISK 25cl u fl-istess* isle *faċċata tal-paletti ta' CISK 25cl kien hemm il-palletta bil-kaxxex tal-Absolut Vodka 5cl.*

*Mill-filmat jidher ukoll, li r-rikorrenti minflok qabad il-paletta bil-kaxxex tac-CISK 25cl huwa qabad il-paletta bil-kaxxex tal-Absolut Vodoka 5cl li kellha 12 -il kaxxa u minflok irriversja għal ġol-kuridur huwa saq 'il ġewwa fl-*Isle *fejn hemm m'hemmx CCTV cameras u dam ġewwa l-*isle *madwar minuta u nofs.*

*Wara dan il-ħin huwa irriversja lura, poġġa l-paletta tal-Absolut Vodka 5cl f'postha, dawwar il-frieket tal-VNA lejn il-paletta tal-kaxxex CISK 25 cl, irriversja lura biex ħareġ fil-kuridur, poġġa il-paletta tal-kaxxex CISK 25 cl ma' ġenb l-*Isle *sakemm jiġi* lifter *ieħor biex jiġbor il-paletta u joħodha fil-post li jkollu struzzjonijiet biex jeħodha.*

*It-Tribunal Industrijali meta kompla jeżamina l-filmati jirriżultalu li l-paletta tal-kaxxex CISK 25cl, il-mod kif kienet spustjata kienet qed tgħatti l-paletta bil-kaxxex tal-Absolut*

*Vodka 5cl u mill-filmat jirriżulta wkoll li ebda haddiem iehor ma resaq lejn l-Isle fejn kien hemm il-paletta tal-Absolut Vodka 5cl.*

*Mill-filmat jidher ukoll, li meta ġie l-*operator *biex jiġbor il-paletta tal-kaxxex CISK 25cl, meta saq inkixfet il-paletta tal-kaxxex tal-Absolut Vodka 5cl u mill-filmat jidher ċar li kien hemm kaxxa nieqsa tal-Absolut Vodka 5cl.*

*It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-każ inkwestjoni u l-ewwel aspetti li jikkunsidra huwa s-sensiela ta' movimenti li għamel ir-rikorrenti.*

*Meta t-Tribunal Industrijali janalizza l-movimenti li għamel ir-rikorrenti, it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li r-rikorrenti naqas meta ma segwix l-istruzzjonijiet li ġew mogħtija lilu mill-*Warehouse Management System *u minflok qabad il-paletta taċ-CISK 25cl huwa qabad il-paletta tal-Absolut Vodka 5cl.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li dan ma kienx moviment iżolat li għamel ir-rikorrenti u meta jelenkah ma' moviment ieħor li għamel; dak li minflok ħareġ bil-paletta l-Absolut Vodka 5cl fil-kurudur huwa daħal 'il ġewwa fl-*Isle *fejn m'hemmx* CCTV cameras *u baqa' hemm għal minuta u nofs, it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li dawn huma movimenti li jnisslu suspetti.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li r-rikorrenti għamel muviment ieħor suspettuż meta mar f'*Isle A *u f'din l-*Isle *ma kellux struzzjonijiet biex imur u aktar tard f'din l-*Isle *instabu numru ta' fliexken tal-Vodka 5cl ġo kaxxa tal-Carlsberg. Dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li apparti dawn il-muvimenti li għamel ir-rikorrenti huma muvimenti suspettużi, it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll li r-rikorrenti meta mar fl-*Isle A *kiser il-proċeduri tal-kumpannija għax f'dan il-post ma kellux struzzjonijiet biex imur.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll dak li xehed ir-rikorrenti li mar f'*Isle A *biex jirranġa żewġ paletti CO2 għax jekk ikunu 'l barra tkisser ir-rota tal-VNA.*

*It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li meta r-rikorrenti ġie mistoqsi mill-Avukat Christine Calleja tas-soċjetà appellata għal liema raġuni din l-ispjegazzjoni ma qalhiex waqt il-proċess ta' dixxiplina huwa jgħid li jista' jkun din l-ispjegazzjoni ma kienx qalha.*

*It-Tribunal Industrijali meta jeżamina il-provi bir-reqqa ma jirriżultalux li din l-ispjegazzjoni ġiet mogħtija mir-rikorrenti waqt il-proċess tal-Bord ta' Dixxiplina.*

*Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li r-rikorrenti kellu tal-inqas żewg opportunitajiet li jagħti din l-ispjegazzjoni u dan kien l-ewwel opportunità li kellu*

*meta ġie msejjaħ mill-*management *u bdiet l-investigazzjoni, u t-tieni opportunità li kellu kienet waqt il-laqgħa tal-Bord ta' Dixxiplina.*

*In vista ta' dak li qed jiġi msemmi hawn fuq it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li kieku kif qed jgħid ir-rikorrenti li daħal f'dik l-*Isle *li ma kellux struzzjonijiet biex jidħol sabiex jirranġa żewġ paletti CO2 huwa kellu żewġ opportunitajiet li jagħti din l-ispjegazzjoni u li kieku kien veru li daħal għar-raġuni li qed jgħhid hu, huwa kien jgħid mill-ewwel biex jiddefendi l-każ tiegħu. In vista ta' dan, it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li l-ispjegazzjoni li tar-rikorrenti ma kinitx il-vera raġuni li daħal f'dik fl-*Isle *biex jirranġa żewġ paletti CO2.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonjiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li kif jirriżulta mill-provi jidher ċar, li meta naqset il-kaxxa tal-Absolut Vodka 5cl, din naqset meta r-rikorrenti kien fil-pussess ta' din il-kaxxa u naqset meta huwa daħal bil-paletta 'il ġewwa fl-*Isle *li ma kellux għalfejn jidħol 'l ġewwa biha u baqa' hemm minuta u nofs u meta ħareġ minn dik l-*Isle *naqset il-kaxxa tal-Absolut Vodka 5c. It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li mill-filmati jidher ċar li l-ebda ħaddiem ieħor ma resaq lejn dik il-lokalità fejn kien hemm il-paletta tal-Absolut Vodka.*

*Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-*istatements of case *tal-partijiet, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u preżentati, ra u eżamina l-filmati u ritratti, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet, isib u jasal għall-konklużjoni li kif ġie spjegat fil-kunsiderazzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni, ir-rikorrenti wettaq diversi nuqqasijiet waqt il-qadi ta' dmirijiethu fosthom; li kiser ir-regolamenti u l-proċeduri tal-kumpannija ma' dan, it-Tribunal Industrijali jasal għall-konklużjoni wkoll li r-rikorrenti kien responsabbli meta naqset il-kaxxa tal-Absolut Vodka 5cl għax din naqset meta kienet fil-pussess tiegħu.*

*Ghaldaqstant, meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ huwa tal-fehma u jiddeċiedi li kien jimmerita li jittieħdu passi dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrenti u t-terminazzjoni tal-impieg ma saritx bi ksur tal-liġi.*

*Minħabba differimenti mill-partijiet, nuqqas ta' faċilitajiet u s-sitwazzjoni tal-COVID 19 ma kienx possibbli li dan il-każ jiġi deċiż fi żmien stabbilit mil-liġi.*

*Għall-finijiet ta' Avviż Legali 48 tal-1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €94 (erbgħa u disgħin ewro).*

*B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xogħol."*

**L-Appell**

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-14 ta' Diċembru, 2022 fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

*"1. Tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali fejn iddeċieda li kien jimmerita li jittieħdu passi dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrenti, qua, appellant u li t-terminazzjoni tal-impjieg ma saritx bi ksur tal-liġi; u*

*2. Tilqa' ż-żewġ talbiet tar-rikorrenti qua appellant fir-rikors promotur tiegħu."*

Jgħid li l-aggravju tiegħu huwa li t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-provi.

**Ir-Risposta**

7. Is-soċjetà appellata wieġbet fit-13 ta' Jannar, 2023 billi qabel xejn issottomettiet li l-appell odjern huwa wieħed frivolu u vessatorju għaliex ma jittratta l-ebda punt ta' liġi kif jitlob il-Kap. 452, iżda wkoll għaliex permezz tiegħu qed isir tentattiv sabiex din il-Qorti tagħmel apprezzament ieħor tal-fatti kif irriżultaw quddiem it-Tribunal. Għaldaqstant hija qiegħda titlob lill-Qorti sabiex tiċħad l-aggravju tal-appellant u tikkonferma d-deċiżjoni appellata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tikkonsidra jekk l-appell odjern jiswiex billi l-appellant ottempora ruħu mad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. Il-Qorti tirrileva li dan is-subartikolu jitlob li appell minn sentenza tat-Tribunal għandu jsir biss fuq punt ta' liġi, u dan fiċ-ċirkostanzi

hemm imfissra, fosthom fejn il-każ jirrigwarda l-allegata tkeċċija mingħajr kawża ġusta. Meħud in konsiderazzjoni li t-talba tal-appellant lit-Tribunal kienet proprju għal dikjarazzjoni li huwa tkeċċa mingħajr kawża ġusta, din il-Qorti tgħid li l-appell odjern jista' jkun permess biss jekk jaqa' fil-parametri stabbiliti mis-subartikolu ċitat, u għalhek ser tgħaddi sabiex tinvestiga jekk is-soċjetà appellanta ottemporatx ruħha mas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452.

9. Permezz tal-uniku aggravju tiegħu, l-appellant qiegħed jilmenta li t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemu. Filfatt huwa jgħaddi mill-ewwel sabiex jispjega dak kollu li wassal għall-proċeduri odjerni billi wkoll ta l-verżjoni tiegħu tal-fatti u fejn fil-fehma tiegħu t-Tribunal ma kienx korrett fl-interpretazzjoni tagħhom. Il-Qorti tagħraf li f'dan kollu ma jidhirx li hemm xi punt ta' liġi li qed jiġi dibattut, u l-argumenti miġjuba mill-appellant huma kollha msejsa fuq l-apprezzament tal-provi kif skont hu kellu jsir. Għaldaqstant, skont dak li jipprovdi għalih is-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, dan l-aggravju ma setax jitressaq quddiem din il-Qorti.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tiddikjara li l-appell tal-appellant huwa wieħed irritu u null, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**